MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1091/2002

**Marlene Micallef.**

**vs.**

**Victor Micallef.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Settembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-31 ta' Marzu 1990 (Dok "A");

Illi l-hajja konjugali giet reza mpossibli minhabba mohqrija, sevizzi u ngurji gravi, mohqrija kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibilita ta' karattru;

Illi peress illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal ossia Elaine ta' ghaxar (10) snin u Roxanne ta' disa' (9) snin skond ma jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid immarkati Dok "B" u "C";

Illi peress li l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta' Settembru 2002 - Dok "D";

Illi, l-istess attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess;

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri Elaine u Roxanne;

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghat-tfal minuri;

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl**-artikolu 48 tal-Kodici Civili;**

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn;

7. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprejta kollha taghha parafernali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta' xhieda u tad-dokumenti esebiti minn fol. 3 sa 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti konsistenti f'certifikati tar-Registru Pubbliku u wkoll fid-Digret tas-Sekond'Ala tal-Qorti Civili datat 17 ta' Settembru 2002 a fol. 8 tal-process.

Rat id-Digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-affidavits attrici datat 13 ta' Novembru 2002.

Rat ir-rikors ta' Marlene Micallef datat 22 ta' Jannar 2003, fejn hi talbet umilment li din L-Onorabbli Qorti jogghobha tordna lid-Direttur tas-Sigurta Socjali jibghat Lm 120 fix-xahar mill-pensjoni tal-konvenut direttament lill-attrici fl-indirizz BLK 2, Flat 7, No. 4, St. Patrick Street Valletta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni li jinsab a fol. 19 tal-process.

Rat id-Digriet tal-24 ta' Jannar, 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-Digriet datat 19 ta' Frar, 2003 fejn il-Qorti laqghat it-talba u ordnat in-notifiki tar-rikors u digriet odjern lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali a spejjez attrici (fol. 22).

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar, 2003 fejn deher Dr. David Camilleri ghall-attrici li tah ruhhu notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u l-konvenut li informa lill-Qorti li ma ghandhux avukat. Il-partjiet iddikjaraw li jaqblu li l-konvenut ghandu biss pensjoni ta' Lm168 fix-xahar, u l-attrici ddikjarat li ghandha kont f'isimha fil-Bank HSBC f"Valletta Branch u kont iehor tat-tfal (ta' xi Lm700) li flimkien jammontaw ghall cirka Lm4,600 u li tghix ma ommha u hija tahdem bhala "*general hand*" mal-gvern u li ghandha introjtu ta' Lm270 fix-xahar. Il-Qorti informat formament lill-konvenut li huwa fl-interess tieghu li jqabbad avukat anke tal-ghajnuna legali; gie estiz il-perjodu ghall-prezentata affidavits attrici b'40 gurnata u l-kawza giet imhollija ghall-finali trattazzjoni ghat-13 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 14 ta' Marzu, 2003 li permezz taghha esibit l-affidavit taghha datat 13 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju, 2003 fejn deher il-konvenut mhux assistit u Dr. Camilleri ghall-attrici ddikjara li ma ghandhux provi izjed; Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx, u gie prefiss terminu ta' 20 gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet tieghu bil-visto/notifika lid-dfensur tal-kontro-parti li jkollu 20 gurnata biex jirrispondi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar, 2004. Aktar tard deher Dr. Joseph Brincat li ha konjizzjoni tal-verbal tal-lum.

Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat li l-konvenut nonostante li inghata l-opportunita' li jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet skond il-ligi fit-terminu lilhu indikat baqa' inadempjenti u ma pprezenta xejn.

Rat in-nota tas-osservazzjonijiet ta' Victor Micallef datata 20 ta' Mejju, 2003 a fol. 29.

Rat x-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>Provi</u>

Illi fl-affidavit taghha a fol. 24 tal-process u datat 14 ta' Marzu 2003 **l-attrici** xehdet li:-

*"Illi jien izzewwigt lill-konvenut fit-31 ta' Marzu 1990;*

*Illi fit-18 ta' Settembru 1991 twieldet l-ewwel tifla li semmejniha Elaine;*

*Illi fit-2 ta' Frar 1993 jien wellidt it-tieni tifla taghna Roxanne. L-inkwiet fiz-zwieg taghna beda f'dak iz-zmien. Jien kont nahdem minn qabel ma zzewwigt. Fil-fatt kont nahdem mal-Gvern bhala 'general hand'. Dak iz-zmien kont l-Istandards Laboratory. Ftit wara li twieldet it-tifla r-ragel tieghi kien talabni sabiex nibda nghix ghand ommi ossija BLK 2, Flat 7, No.4 St. Patrick Street, Valletta. Kien qalli li xtaq li jsir hekk sabiex ommi tiehu hsieb it-tifla sabiex jien ikun nista' nkompli nahdem. Hu nsista mieghi li jien inkompli nahdem. Dak iz-zmien hu kien jahdem ukoll bhala 'mantenance' mas-Salamander Ltd u kellu paga ta' madwar Lm400 fix-xahar. Jien kelli madwar Lm250;*

*Illi, jien hekk ghamilt. Bdejt nghix l-aktar ghand ommi u hu baqa' d-dar matrimonjali l-Marsa. Pero' gieli kont ninzel id-dar u gieli rqadt hemm ukoll. Meta nghid illi r-ragel baqa' l-Marsa rrid nghid illi huwa kien jorqod biss hemm ghax dejjem ghand ommi kien jigi jiekol. Kont nippreparalu l-ikel u kont anke niehu hsieb nahsillu l-hwejjeg u naghmel dak kollu li kien ikun hemm bzonn avolja kont inkun ghand ommi;*

*Illi, minn hemm bdew l-argumenti. Jien ovvjament ma stajtx inkampa bil-Lm250 fix-xahar tieghi biex niehu hsieb l-affarijiet tieghi u tat-tifla. Huwa, daqqa kien jghaddili xi haga tal-flus u daqqa le. Apparti minn hekk f'dan iz-zmien ir-ragel beda jixrob ukoll. Kien jigi d-dar ghand ommi fis-sakra u kien ikollna hafna argumenti. Apparti minn hekk qabad ukoll il-vizzju tal-loghob. Beda jahli hafna flus fil-loghob u ma kien qed jibqalu xejn mill-paga. Kien ikun dejjem bla flus u kien jigi jitlob lili;*

*Illi, ahna bqajna ghaddejjin din il-hajja. Kont dejjem nispera illi jirranga hajtu. Jien bqajt nghix ghand ommi anke' meta kibret it-tifla peress illi hassejt li ma stajtx nghix mieghu;*

*Illi l-ahhar glieda li kellna kienet f'Lulju tal-2002. Dak inhar huwa kien talabni Lm200 sabiex jirranga xi ghalqa tal-familja tieghu. Jien ma accettajtx ghax bil-kemm il-flus tieghi kienu qed iservuni. Kellna argument jahraq u hu kien anke' sawwatni f'dik l-okkazjoni;*

*Illi, kien dan l-incident li qatghali qalbi kompletament li stajna qatt nirrangaw u kien ghalhekk illi bdejt il-kawza;*

*Illi, it-tfal Elaine u Roxanne qed jghixu mieghi u r-ragel jigi jarahom kuljum meta ikollu aptit. Jien m'ghandix problemi dwar l-access. Jista' jigi meta jrid. Lit-tfal qatt ma cahhadthomlu, anzi niehu pjacir li jigi jarahom;*

*Illi, illum jien ghadni nahdem u naqla' xi Lm270 fix-xahar. Ir-ragel illum irtirat u ghandu pensjoni ta' Lm170 fix-xahar. Is-Sekond Awla kienet tatni manteniment gholi ta' Lm120 fix-xahar, ossia Lm70 ghalija u Lm50 ghat-tfal. Pero' la darba r-ragel tieghi huwa pensjonant u una volta li jien nahdem inhoss illi b'Lm50 fix-xahar manteniment jien ikolli bizzejjed biex niehu hsieb it-tfal u fl-istess hin ir-ragel tieghi ikollu biex jghix. Biex inkun ghadt kollox mid-data tad-digriet tas-Sekond Awla sa' llum ir-ragel ghadu ma hallas assolutament xejn. Pero' lanqas ma nhoss illi huwa 'fair' illi hu jibqa' b'Lm50 fix-xahar biss f'idejh sakemm jien nibqa nahdem;*

*Illi, l-unika assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti huma d-dar matrimonjali ossia "Marvic House", Simpson Street, Marsa li tiswa' madwar Lm35,000 illum, u account 'fixed' mal-HSBC li ghandu fih Lm4,600;*

*Illi, ir-ragel m'ghandux xi assi parafernali. Jien pero' qabel ma zzewwigt kont gemmajt Lm2,000 li pero' kont infaqthom f'ghamara u affarijiet ohra ghad-dar".*

**(ii) <u>Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi dwar il-provi dwar ir-responsabilita' tas-separazzjoni, jirrizulta li l-konvenut kien hati verso l-attrici u uliedu ta' sevizzi, u mohqrija u dan peress li dak li wassal ghall-koloass ta' dan iz-zwieg kien unikament l-komporatment

tal-konvenut li kien jixrob, jilghab loghob ta’ azzard bil-konsegwenza li kien naqas li jmantni lill-martu u lill uliedu, u fil-fatt l-attrici tiddikjara li *nonostante* d-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili huwa qatt ma hallas dan il-manteniment *pendente lite*. Apparti minn dan jirrizulta wkoll li l-konvenut gieli sawwat lill-martu l-iktar meta kien ikun fis-sakra. Fil-fatt l-attrici llum tinsab separata *de facto* minn zewgha u fil-waqt li huwa jghix fid-dar konjugali, hija tghix ma’ ommha.

Illi dwar it-tieni talba ghall-kura u kustodja tal-minuri Elaine u Roxanne, li attwalment jghixu mal-attrici, din ghandha tigi milqugha bid-dritt ta’ access favur il-konvenut kull nhar ta’ Tlieta, Hamis u Gimgha mill-5.00.p.m. sas-7.30.p.m. b’dan li l-istess access ghandu jigi segwiet kull tant zmien mill-*Agenzija Appogg* u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess Agenzija.

Illi dwar it-tielet talba ghall-manteniment jirrizulta li hemm obbligu ta’ manteniment *da parte* tal-konvenut kemm lill-martu u kemm lil uliedu, pero’ jirrizulta li l-attrici hija impjegata u taqla’ mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) fix-xahar mentri l-konvenut ghandu pensjoni ta’ mija u sebghin lira Maltija (Lm170) fix-xahar. Apparti li huwa improbabli li l-istess konvenut ihallas manteniment ghall-martu, tant li minkejja id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fuq riferit fejn gie ordnat ihallas manteniment ta’ Lm120 fix-xahar bhala alimenti ghall-attrici u ghal uliedu huwa baqa’ ma hallasx xejn minn dan l-ammont, u apparti konsiderazzjonijiet ohra din il-Qorti thoss li fil-kaz partikolari fir-rigward tal-obbligu ta’ manteniment mill-konvenut ghall-attrici, ghandha tigi likwidata somma abbazi tal-**artikolu 54 (3) tal-Kap 16** li l-konvenut ghandu jhallas ta’ darba ghall-hlas ta’ tali manteniment lill-attrici, u il-Qorti qed tiffissa ammont *arbitro boni viri* fis-somma ta’ seba’ t’elef lira Maltija (Lm7,000) ghal darba wahda biss li ghandha tithallas lill-attrici mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli Marvic House, Simpson Street, Marsa, li skond l-affidavit attrici hija qed tivvaluta fl-ammont ta’ hamsa u tlettin elef lira Maltija (Lm35,000) b’dan li mir-rikavat tal-istess bejgh *in subasta* tal-istess fond li ser tigi ordnata

aktar il-quddiem b'din is-sentenza, l-ewwel tithallas l-attrici l-istess somma ta' seba' t'elef lira Maltija (Lm7,000) u dan *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment, inkluzi l-arretrati ta' manteniment li altrimenti jkunu dovuti mill-konvenut lill-attrici.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ta' ulied, *stante* li huwa obbligu tal-istess konvenut li jipprovdi manteniment lil uliedu, u li jikkontribwixxi ghall-istess din il-Qorti qed tiffissa l-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici ghan-nom tal-istess minuri fl-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar, liema ammont ghandu jithallas bix-xahar bil-quddiem fir-residenza tal-attrici, u l-istess rata ghandha titnaqqas direttament mill-pensjoni tal-konvenut mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Direttur ghas-Servizzi Socjali sabiex l-istess jaderixxi ruhhu ma' din l-ordni, kollox b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar ir-raba' talba din il-Qorti thoss li din ghandha tigi milqugha *in toto* b'dan li qed jigi applikat fil-konfront tal-konvenut dak kollu li hemm stipulat fl-**artikolu 48 tal-Kap 16** u peress li mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jonfoq l-introjtu tieghu fil-loghob, u l-attrici baqghet dejjem tahdem, u bdiet tghix separatament ghand omma, allura jidher li d-depozitu bankarju fl-HSBC Bank plc li l-attrici ddikjarat li jammonta ghall cirka Lm4,600 huwa frott l-introjtu tal-attrici, u ghalhekk b'applikazzjoni tal-**artikolu 48** dan ghandu jibqa' jappartjeni esklussivament lill-attrici, u l-konvenut jitlef kull dritt fuq l-istess kif stipulat fl-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16.**

Illi dwar il-hames (5) talba din ghandha tigi milqugha u allura tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett nid-data tal-bidu tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u cjoe' mit-2 ta' Awwissu 2002.

Illi dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti mill-provi skarsi prodotti mill-attrici, u hawn il-Qorti tinnota n-nuqqas ta' serjeta' li tmexxiet l-azzjoni attrici minkejja l-fatt

li l-konvenut huwa kontumaci, jirrizulta li din tikkonsisti, almenu minn dak li tghid fl-affidavit taghha fid-dar konjugali “Marvic House”, numru 51, Simpson Street, Marsa, valutata skond l-attrici fl-ammont ta’ Lm35,000 u wkoll l-istess kont bankarju mal-HSBC fl-ammont ta’ cirka Lm4,600. Dan pero’ bl-ebda mod ma huwa kontrastat mill-konvenut li baqa’ kontumaci u lanqas sottomissjonijiet ma ghamel ghalkemm kien mistieden jaghmel dan mill-Qorti.

Illi dwar il-kont bankarju fl-ammont ta’ Lm4,600 mal-HSBC plc Valletta Branch fl-ammont ta’ cirka Lm4,600 dan ghandu jigi assenjat lill-attrici, anke’ b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kif gja premess; dwar l-immobbli imsemmija ma jirrizultax li din hija komodament divizzibbli u ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh *in subbasta* tal-istess, u mir-rikavat l-ewwel ghandha tithallas is-somma ta’ seba’ t’elef lira Maltija (Lm7,000) lill-attrici *per* saldo ghad-dritt taghha ta’ manteniment, inkluz l-arretrati tal-istess, u mbaghad tithallas lill-attrici wkoll din id-darba bhala rapprezentata legittima tal-istess minuri Elaine u Roxanne s-somma ohra ta’ tmien mitt lira Maltija (Lm800) rapprezentanti arretrati ta’ alimenti dovuti mill-konvenut lill-minuri skond id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta’ Settembru 2002, tali alimenti ffisati bir-rata ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar ghall-istess minuri fl-istess Digriet, u dan l-ammont ikopri l-perjodu bejn is-17 ta’ Settembru 2002 sad-data ta’ din is-sentenza, u l-bilanc tar-rikavat mill-bejgh *in subasta* jithallas u jinqassam nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut bhala is-sehem ta’ kull parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi dwar l-assi parafernali tal-attrici fejn din allegat li qabel iz-zwieg hija kellha is-somma ta’ Lm2,000 fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, *nonostante* l-allegazjoni hekk vantata mill-attrici, hija ma resqet ebda prova dwar l-istess u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghalhekk tali vantazzjoni tista’ tigi akkolta u fil-fatt qed tigi michuda *stante* li bl-ebda mod ma hija sostanzjata.

Illi anke’ minhabba f’hekk is-seba’ talba ghandha tigi michuda minhabba nuqqas ta’ provi dwar l-istess, fil-waqt

li s-sitt talba qed tigi michuda *stante* li ma hemmx bzonn li jsiru tali nomini, la ta' Nutar u lanqas ta' kuraturi.

**KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u fil-waqt li **tichad is-sitt u s-seba' talba attrici, tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, r-raba' u l-hames talba attrici** biss u fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija u sevizzi, b'dan li l-istess agir tal-konvenut kien il-kawza tal-firda personali tal-partijiet b'mod li rrenda l-hajja flimkien impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri Elaine u Roxanne bi dritt ta' access favur il-konvenut ghall-istess minuri kull nhar ta' Tlieta, Hamis u Gimgha mill-5.00.p.m. sas-7.30.p.m. b'dan li l-istess access ghandu jigi segwiet kull tant zmien mill-*Agenzija Appogg* u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex ghas-spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Agenzija.

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici bhala rapprezentanta legali tal-istess minuri u ghalhekk bhala manteniment tal-istess minuri, r-rata ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar, liema ammont ghandu jithallas bix-xahar bil-quddiem fir-residenza tal-attrici, u tordna li dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-konvenut mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza. Illi dwar l-arretati ta' manteniment ghal istess minuri li l-istess konvenut naqas li jhallas skond id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta' Settembru 2002, din il-Qorti tordna li l-istess ammont ta'

arretrati fl-ammont totali ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) ikkalkulati mis-17 ta' Settembru 2002 sad-data ta' din is-sentenza ghandu jithallas mill-konvenut mir-rikavat tal-biejgh *in subasta* tal-immobbli "Marvic House", Simpson Street, Marsa, kif ser jigi provdut f'din is-sentenza konsegwenti ghall-hames (5) talba tac-citazzjoni attrici.

Illi dwar il-manteniment lill-attrici minhabba dak kollu fuq spjegat u b'applikazzjoni tal-**artikolu 54 (3) tal-Kap 16** il-Qorti qed tiffissa ammont *arbitro boni viri* fis-somma ta' seba' t'elef lira Maltija (Lm7,000) ghal darba wahda biss, li ghandu jkopri kull dritt ta' manteniment li l-attrici tista' tvanta kontra l-konvenut, inkluz kull vantazzjoni ghall-hlas ta' arretrati tal-istess alimenti lilha, u b'hekk tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici l-istess somma ta' Lm7,000 li ghandha tithallas lill-attrici mir-rikavat tal-biejgh ta' sebgha t'elef lira Maltija (Lm7,000), liema somma pero' ghandha tithallas mir-rikavat tal-biejgh *in subasta* tal-immobbli "Marvic House", 51,Simpson Street, Marsa, b'dan li mir-rikavat tal-istess biejgh *in subasta* tal-istess fond li ser tigi ordnata aktar il-quddiem b'din is-sentenza konsegwenti ghall-hames (5) talba attrici, l-ewwel tithallas l-attrici l-istess somma ta' seba' t'elef lira Maltija (Lm7,000) u dan il-hlas ghandu jsir *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment, inkluzi l-arretrati ta' manteniment li altrimenti jkunu dovuti mill-konvenut lill-attrici, inkluzi dawk naxxenti mid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta' Settembru 2002.

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** *in toto* u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** id-depozitu bankarju mal-HSBC Bank plc, Valletta Branch fl-ammont ta' erba' t'elef u sitt mitt lira Maltija (LM4,600) cirka qed jigi assenjat lill-attrici.

5. Tilqa' l-hames (5) talba u tordna ix-xoljment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mid-data tat-2 ta' Awissu 2002 u tillikwida l-istess u tiddikjara li dawn jikkonsistu id-depozitu bankarju mal-HSBC Bank plc, Valletta Branch fl-ammont ta' erba' t'elef

u sitt mitt lira Maltija (LM4,600) cirka u fid-dar konjugali “Marvic House” 51, Simpson Street, Marsa, u tassenja lill-attrici l-istess depozitu bankarju mal-HSBC Bank plc, Valletta Branch fl-ammont ta’ erba’ t’elef u sitt mitt lira Maltija (LM4,600) cirka kif fuq premess konsegwenti ghar-raba’ (4) talba attrici u b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16,** u Qorti tordna l-biejgh *in subasta* tal-istess immobbli “Marvic House”, 51, Simpson Street, Marsa, b’dan li mir-rikavat tal-istess biejgh l-ewwel ghandha tithallas is-somma ta’ seba’ t’elef lira Maltija (Lm7,000) lill-attrici *per saldo* ghad-dritt taghha ta’ manteniment, inkluz l-arretrati tal-istess, kollox kif indikat konsegwenti ghal dak fuq deciz dwar it-tielet (3) talba attrici u mbaghad tithallas lill-attrici, wkoll din id-darba bhala rapprezentata legittima tal-istess minuri Elaine u Roxanne, s-somma ohra ta’ tmien mitt lira Maltija (Lm800) rapprezentanti arretrati ta’ alimenti dovuti mill-konvenut lill-minuri skond id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta’ Settembru 2002, tali alimenti ffisati bir-rata ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar ghall-istess minuri fl-istess Digriet, u dan l-ammont ikopri l-perjodu bejn is-17 ta’ Settembru 2002 sad-data ta’ din is-sentenza, u l-bilanc tar-rikavat mill-biejgh *in subasta* jithallas u jinqassam nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut bhala is-sehem ta’ kull parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

6. Tichad is-sitt talba ghan-nomina ta’ Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’kaz ta’ bzonn;

7. Tichad is-seba’ talba biex tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprejta kollha taghha parafernali jew il-valur taghha *stante* li tali talba ma gietx ippruvata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------